**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 45**

Il-HAMIS 9 TA' AWWISSU 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Is-Sindku pproponiet li l-Minuti tas-seduta 44 jiġu approvati. Il-Kunsillier Frank Roe issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Is-Sindku A. Vassallo flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv M. Pisani ffirmaw il-Minuti tas-sedutA 44.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i B' referenza għall-każ ta' Lufthansa u l-AKL, is- Segretarju Eżekutti nfurmat li l-korripondenza kollha ntbagħtet lil Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

ii B'referenza għall-linji tat- traffiku ta' Triq Prinċipessa Margerita, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn se jsiru fil-jiem li ġejjin.

iii Rigward l-un/loading bay fi Triq l-Imradd, il-Kunsill ġie nfurmat li TM se tieħu azzjoni kemm jista' jkun malajr.

iv B'referenza għal *Bus- Shelter* fi Triq Abate Rigord, il-Perit nforma li m'hemmx bżonn ta' DNO u għaldaqstant jistgħu jibdew ix-xogħlijiet fuq il-platform tal-konkos. Is- Sindku qalet li hi se tkellem lil tal-FACES biex il-*bus- shelter* jiġI nstallat kemm jista' jkun malajr.

v Rigward ix-xogħlijiet ta' fuq ir-rampa (quddiem l-Ambaxxata Taljana) ħabba l-problema ta' l-ilma , is-Sindku nfurmat li x-xogħlijiet bdew.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI- ikomplu

vi Il-Kunsillier Frank Roe nforma li kellu laqgħa u anke saret spezzjoni mal-Kuntrattur ta' drop-kerbs u xogħlijiet tal-bankini li ġew approvati mill-Kunsill. Huwa qal li x-xogħlijiet se jinbdew dalwaqt.

vii Is- Sindku rrapurtat dwar il-kaz tal-Contracts Manager. Hija nfurmat li telgħat il-Qorti ma' l-Avukat u dan minn naħa tiegħu ppreżenta ittra legali f' isem il-Kunsill. Is- Sindku qalet li s-seduta li jmiss dwar il-kaz se ssir fis-17 ta' Settembru 2012.

viii B' referenza għat-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni tax- xatt ta' Ta' Xbiex, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li reġa' ntbagħat reminder ieħor lil Lands Department.

ix Is- Sindku nfurmat li talbet għall- kwotazzjoni tal-globu tal-Knisja lil Kuntrattur.

Antoinette Vassallo<br>Sindku

Marisa Pisani<br>A.Segretarju Ezekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SIDNKU

i Is- Sindku nfurmat li rċiviet komunikazzjoni mis- Sur Cassar Torregiani biex issir tower crane għal perjodu qasir fi Triq Sr. Augustus Bartolo. Hija qalet li l-applikazzjoni ntbagħtet lit-TM għal approvazzjoni tagħhom.

ii Is- Sindku rreferiet għal *Facebook page* tal-Kunsill u għal xi kummenti li dehru dan l-aħħar minn membri ta' dan il-Kunsill. Hija qalet li l-iskop ta' din il-paġna huwa ta' wieħed informattiv u għaldaqstant talbet li l-informazzjoni provduta għandha ssir biss mill-Amministratturi ta' din il-paġna.

iii Is- Sindku rapurtat dwar l-aħħar laqgħa tar- Reġjun. Hija nfurmat li d-diskripanzi li kien hemm ma' Data track, irriżulta li kienu miżinterprazzjoni tas- Sistema. Hija nfurmat ukoll li l-flejjes mislufa minngħand il-Kumitat Konġut tħallsu lura u issa anke se jingħataw parti mill-flejjes dovuti lill-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A.Segretarju Ezekuttiv

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - tkompli

iv Dwar talba biex issir bozza ġdida fi Triq l-Imradd, liema talba kienet ġeit miċħuda mill-Enemalta, il-Kunsill talab li niktbu lill-Ministru responsabbli dwar din il-materja.

v Is- Sindku nfurmat li ntbagħtet ittra lit-Transport Malta dwar il-laned taż-żejt li qed jitħallew fix-xatt ta' Ta' Xbiex minn xi sidien tal-*yachts.*

Il-laqgħa spiċċat fit-19:30 u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 30 ta' Awwissu 2012 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |